MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 954/2009

**Saint James Hospital Limited (C17292)**

**vs**

**Giselle Dalli (778M) u Mario Dalli (435680M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Novembru 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin Euro u hamsa u disghin centezmu (€554.95) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin Euro u hamsa u disghin centezmu (€554.95) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------